


# Il-Palazz tal-Girgenti

Chev. Mario Coleiro O.S.J.



Il-wied tal-Girgenti huwa wieħed mill-isbaħ widien li nsibu fi gżiritna. Dan il-wied jinsab viċin ir-raħal tas-Siġġiewi u għalhekk jinsab fit-territorju ta' dan ir-raħal. Il-wied jibda mill-inħawi tal-irdum tal-Fawwara u Ġebel Ciantar u jibqa' nieżel lejn il-pjanura tas-Siġġiewi. Fil-qalba tiegħu nsibu l-post imsejjaħ Għajn il-Kbira. Hawnhekk naraw speċi ta' promontorju ta' art li tinsab bejn żewġ fergħat tal-wied. Minn fuq dan il-promontorju wieħed jista' jgawdi veduta spettakolari tal-wied tal-Girgenti kif ukoll tas-Siġġiewi u l-kumplament ta' Malta. Dan il-wied huwa mżejjen b'ħafna ġonna mimlija siġar tal-frott ta' kull tip. Hawnhekk insibu għelieqi li fihom jitkabbru bosta ħxejjex mill-bdiewa ħawtiela ta' dawn l-inħawi. Fattur importanti f'dan il-wied, huwa l-fatt li fih jinsabu nixxiegħat ta' ilma ġieri li jibqgħu ifawru s-sena kollha. Fil-fatt dawn l-għejun kienu magħżula mill-inġinier Tomasucci li kien tqabbad mill-Gran Mastru Wignacourt biex jibni l-akwadott biex iwassal l-ilma fil-Belt Valletta. Tomasucci kien għażel dawn l-għejjun bħala post prinċipali minn fejn kellu jieħu l-ilma biex flimkien ma' ilma ġej minn għejjun oħra viċin ir-Rabat jgħaddih fuq l-akwadott għall-Belt.

Bejn is-snin 1760 u 1766, Mons. Angelo Dorini, li kien is-sebgħa u ħamsin inkwiżitur ta' Malta, fuq din l-art bena palazz biex ikun jista' jużah bħala post tal-villeġġjatura. Sa dak iż-żmien l-uniku palazz li kellu l-inkwiżitur f'Malta kien dak tal-Birgu u kien għalhekk li Mons. Dorini ried li jkollu post fejn imur għall-kwiet fil-jiem sħan tas-sajf. L-inkwiżituri kien ilhom diġà madwar mitejn sena jabitaw fil-Birgu u għalhekk Dorini ried li joħroġ minn dik il-belt. Biex il-palazz ikun komplut b'kollox, maġenbu l-inkwiżitur bena knisja ħelwa ħafna u sabiħa. Din il-knisja hija ddedikata lil San Karlu Boromeo u kienet lesta mill-bini fl-1763. Dan nafuh minn lapida li tinsab fuq ġewwa tal-kappella li tgħid hekk: "*Angelo Dorini, l-Inkwiżitur jiddedika din il-kappella lill-kbir Karlu Boromeo, id-difensur dixxiplu ekkleżjastiku u esponent kbir tal-fidi*



Dehra ġenerali tal-wied tal-Girgenti



Il-palazz tal-Inkwiżitur fuq il-wied tal-Girgenti kif jidher mit-triq prinċipali li twassal għal 'Ta' Żuta'

- *1763"*. Il-palazz huwa ta' daqs modest u ma fihx xi kobor esaġerat. Iżda fih insibu kmamar komdi u arjużi u li kważi kollha jgawdu veduta mill-isbaħ. Mibni fuq żewġ pjani, u bejn il-palazz u l-kappella nsibu loġġa bil-ħnejjiet li tgħaqqad iż-żewġ binjiet. Madwar il-palazz, l-inkwiżitur ħaseb biex jibni ġonna verament sbieħ li komplew żiedu mas-sbuħija naturali ta' dan il-palazz.

L-Inkwiżitur Dorini ma tantx dam juża dan il-palazz għax wara sitt snin biss minn meta kien laħaq inkwiżitur ta' Malta, kien imsejjaħ Ruma fejn laħaq kardinal u għalhekk telaq minn Malta u mar jgħix Ruma. Is-suċċessuri tiegħu, però, baqgħu jużaw dan il-palazz bħala residenza tas-Sajf għal bosta snin sakemm fl-1798 wasal Napuljun Bonaparti u fost it-taqlib li għamel fil-liġijiet Maltin kien abolixxa l-inkwiżizzjoni minn Malta u keċċa lill-inkwiżitur. Dan il-palazz flimkien mal-proprjetà kollha tal-inkwiżizzjoni, waqgħet f'idejn il-Gvern Franċiż li beda jiddisponi minn dak kollu li kien f'idejh kif kien jaqbel lilu. Il-Franċiżi ma damux ma xxellfu mal-Maltin u fi żmien sentejn tkeċċew minn Malta



Id-daħla li twassal għall-palazz tal-Inkwiżitur mit-triq prinċipali

mill-Maltin, mgħejjuna mill-Ingliżi li wara ħadu lil pajjiżna huma. Fil-perjodu Ingliż, dan il-palazz kien jintuża bħala għassa tal-pulizija għas-Siġġiewi u l-inħawi tal-kampanja tal-Girgenti u l-irdumijiet. Meta ma baqax jintuża għal dan il-għan, kien abbandunat u għalhekk għal bosta snin kien mitluq u saritlu ħafna ħsara. Kien hemm żmien meta l-palazz spiċċa mingħajr bibien u twieqi wara li kienu nqalgħu u nsterqu. Din il-ħaġa kompliet poġġiet lil dan il-bini fi stat ta' telqa u ta' qerda. Kienu diversi dawk li għamlu appelli lill-awtoritajiet biex dan il-palazz ikun salvat mir-rovina, u fl-aħħar it-talba tagħhom instemgħet. Kien għalhekk li fl-1966, il-Gvern reġa' ħa f'idejh dan il-palazz u minnufih inbeda x-xogħol ta' tiswija intensiva. Saru mill-ġdid l-aperturi biex seta' jkun magħluq għall-vandali. Minn dak iż-żmien qatt ma tħalla jerġa' jaqa' fir-rovina li kien fiha.

Fl-1988 kien deċiż li l-palazz tal-inkwiżitur tal-Girgenti jibda jintuża bħala residenza privata tal-Prim Ministru biex fih isiru dawk l-attivitajiet importanti marbuta ma' dan l-uffiċċju. Għal dan il-għan sar xogħol ta' tiswija fejn kien jeħtieġ u nbeda programm ta' restawr totali tal-palazz kollu u tal-kappella. Minn ġewwa reġa' ngħata d-dehra sinjorili li kien igawdi meta dan il-palazz kien abitat mill-inkwiżituri u l-mistednin tagħhom. Sar ukoll restawr estensiv tal-ġonna tal-madwar fejn ingħataw dehra iktar attraenti u sabiħa bi tħawwil ta' siġar u pjanti biex ikomplu jsebbħu l-ambjent. Illum nistgħu ngħidu li dan il-palazz jinsab fi stat eċċellenti u flimkien mal-ambjent sabiħ ta' madwaru jkompli jsebbaħ il-pajsaġġ Malti, speċjalment f'wied bħalma huwa dak tal-Girgenti.

Dan il-wied rabat ismu ukoll mal-Madonna tal-Girgenti meta fis-snin tmenin ċerta Ġuża Mifsud mis-Siġġiewi, żvelat kif f'dan il-post kellha diversi viżjonijiet tal-Madonna. Dan wassal biex ġibed numru kbir ta' pellegrini lejn dan il-wied u fil-post li ndikat Ġuża Mifsud, tpoġġiet statwa tal-Madonna u sar post fejn wieħed jista' joqgħod jimmedita u jitlob fis-skiet, imdawwar b'natura mill-isbaħ.